



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Marzu 2021
(OR. en)

14146/20

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0190 (COD)

CULT 93
AUDIO 66
CADREFIN 461
RELEX 1020
IA 120
CODEC 1371

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021 - 2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013

REGOLAMENT (UE) 2021/ ...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'...

li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021 - 2027)
u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari, l-Artikolu 167(5), u l-Artikolu 173(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 110, 22.3.2019, p. 87

² ĠU C 168, 16.5.2019, p. 37.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta'(għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ta' ... (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Il-kultura, l-arti, il-patrimonju kulturali u d-diversità kulturali huma ta' valur kbir għas-soċjetà Ewropea mil-lat kulturali, edukattiv, demokratiku, ambjentali, soċjali, ekonomiku u f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-bniedem, u jenħtiegħ li dawn jiġu promossi u appoġġati. Id-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 2017 u l-Kunsill Ewropew tal-14 u 15 ta' Diċembru 2017 iddikjaraw li l-edukazzjoni u l-kultura huma elementari biex jinbnew soċjetajiet inklużivi u koeżivi għal kulħadd u biex tiġi appoġġata l-kompetittività Ewropea.
- (2) Skont l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranza. Dawk il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà li fiha jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Dawk il-valuri huma riaffermati u artikolati ulterjorment fid-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji mnaqqxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"), li għandha l-istess valur legali bħat-Trattati skont l-Artikolu 6 TUE. B'mod partikolari, il-libertà ta' espressjoni u tal-informazzjoni u l-libertà tal-arti u xjenza huma minqax, rispettivament, fl-Artikoli 11 u 13 tal-Karta.
- (3) L-Artikolu 3 TUE jispeċifika wkoll li l-mira tal-Unjoni hija li tippromwovi l-paċi, il-valuri taġġha u l-benesseri tal-popli taġġha u li, fost affarijiet oħra, hija trid tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika taġġha u tiżgura l-ħarsien u l-iżvilupp tal-patrimonju kulturali tal-Ewropa.

- (4) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2018 intitolata "Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura" tistabbilixxi l-oġġettivi għas-setturi kulturali u kreattivi. Hija għandha l-għan li tisfrutta l-potenzjal tal-kultura u tad-diversità kulturali favur il-koeżjoni soċjali u l-benesseri tas-soċjetà billi trawwem id-dimensjoni transfruntiera tas-setturi kulturali u kreattivi u trawwem il-kapaċità tagħhom ta' tkabbir, biex thegġegħ il-kreattività bbażata fuq il-kultura fl-educazzjoni u l-innovazzjoni, u favur l-impjiegi u t-tkabbir u biex issaħħaħ ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali. Il-Programm Ewropa Kreattiva (il-"Programm"), flimkien ma' programmi u finanzjamenti oħra tal-Unjoni, ser jappoġġja l-Aġenda Ewropea l-Ġdida għall-Kultura. Il-valur intrinsiku tal-kultura u tal-espressjoni artistika jenħtieġ li jiġi ppreservat u promoss, u l-kreazzjoni artistika jenħtieġ li tkun fil-qalba tal-Programm. Dan huwa wkoll konformi mal-Konvenzjoni tal-Unesco tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, li daħlet fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2007, u li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma parti għaliha.
- (5) Sabiex titrawwem iż-żona komuni ta' diversità kulturali għall-popli tal-Ewropa, huwa importanti li tiġi promossa ċ-ċirkolazzjoni tranżnazzjonali ta' xogħlijiet, kollezzjonijiet u prodotti artistiċi u kulturali, biex b'hekk jiġu mħeġġa d-djalogu u l-iskambji kulturali, u l-mobbilità tranżnazzjonali tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi.
- (6) Is-salvagwardja u t-tishiġ tal-patrimonju kulturali jiffaċilitaw il-parteeċipazzjoni libera fil-ħajja kulturali, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Universali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali. Għaldaqstant, il-patrimonju kulturali għandu rwol importanti fil-bini ta' soċjetà paċifika u demokratika, fil-proċessi ta' żvilupp sostenibbli u fil-promozzjoni tad-diversità kulturali.

- (7) Il-promozzjoni tad-diversità kulturali Ewropea hija bbażata fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, il-kapaċitajiet u l-kompetenzi tal-artisti u tal-operaturi kulturali, l-eżistenza ta' setturi kulturali u kreattivi ta' suċċess u reżiljenti u l-kapaċità tal-artisti u l-operaturi kulturali li jgħolqu, jinnovaw u jipproduċu x-xogħlijiet tagħhom u li jqassmuhom lil udjenza Ewropea usa' u aktar diversifikata. Din b'hekk tkabbar il-potenzjal kummerċjali tas-setturi kulturali u kreattivi, iżżid l-aċċess għal l-kontenut kreattiv, ir-riċerka artistika u l-kreattività u l-promozzjoni tagħhom, u tikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien ta' impjiegi. Barra minn hekk, il-promozzjoni tal-kreattività u ta' għarfien għdid tikkontribwixxi biex tingħata spinta lill-kompetittività u lill-innovazzjoni fil-ktajjen tal-valur industrijali. Id-diversità kulturali u lingwistika rikka tal-Unjoni hija assi ewlieni għall-proġett Ewropew. Fl-istess ħin, is-suq kulturali u kreattiv Ewropew huwa kkaratterizzat minn speċifikitajiet ġeografiċi, speċifikitajiet lingwistiċi, jew mit-tnejn, li jistgħu jikkawżaw frammentazzjoni tas-suq. Għalhekk jenħtieġ li jkun hemm sforzi kontinwi biex jiġi żgurat li s-setturi kulturali u kreattivi jibbenefikaw b'mod sħiħ mis-suq uniku Ewropew u, b'mod partikolari, mis-suq uniku diġitali.
- (8) It-tranżizzjoni diġitali tirrappreżenta bidla fundamentali għas-setturi kulturali u kreattivi. Din it-tranżizzjoni sawret mill-għdid id-drawwiet, ir-relazzjonijiet, u l-mudelli ta' produzzjoni u konsum. Dan jgħolq għadd ta' sfidi. Fl-istess ħin, it-tranżizzjoni diġitali toffri opportunitajiet ġodda għas-setturi kulturali u kreattivi f'termini tal-ħolqien u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u l-aċċess għalihom, li huwa ta' benefiċċju għas-soċjetà Ewropea inġenerali. Il-Programm jenħtieġ li jħeġġeġ lis-setturi kulturali u kreattivi biex jieħdu vantaġġ minn dawk l-opportunitajiet.

- (9) Il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura doppja tas-setturi kulturali u kreattivi, filwaqt li jirrikonoxxi, minn naħa waħda, il-valur intrinsiku u artistiku tal-kultura u, min-naħa l-oħra, il-valur ekonomiku ta' dawk is-setturi, inkluż il-kontribut usa' ta' dawk is-setturi għat-tkabbir, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. Il-Programm jenħtieġ li jqis ukoll l-impatt pożittiv tal-kultura fuq id-djalogu interkulturali, il-koeżjoni soċjali u d-disseminazzjoni tal-għarfien. Dan jirrikjedi setturi kulturali u kreattivi Ewropej b'saħħithom, b'mod partikolari industrija awdjoviżiva Ewropea vibranti, minħabba l-kapaċità tagħha li tilħaq udjenzi differenti u l-importanza ekonomika tagħha, inkluż l-importanza ekonomika tagħha għal setturi kreattivi oħra. Madankollu, il-kompetizzjoni fi ħdan is-swieq awdjoviżivi globali għet intensifikata ulterjorment b'riżultat tat-tranżizzjoni diġitali li qed tkompli tikber, pereżempju bidliet fil-produzzjoni u l-konsum tal-media, u l-pożizzjoni dejjem akbar tal-pjattaformi globali fid-distribuzzjoni tal-kontenut. Għaldaqstant, jenħtieġ li jingħata appoġġ akbar lill-industrija Ewropea.
- (10) Kif muri mill-azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura, stabbilita bid-Deċizzjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-"Kapitali Ewropea tal-Kultura") is-setturi kulturali u kreattivi għandhom rwol importanti fit-tisħiħ u r-rivitalizzazzjoni tat-territorji tal-Unjoni. B'dan il-mod, is-setturi kulturali u kreattivi huma muturi ewlenin biex jiġi promoss it-turiżmu ta' kwalità u l-iżvilupp reġjonali, lokali u urban madwar l-Unjoni.

¹ Id-Deċizzjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li tħassar id-Deċizzjoni Nru 1622/2006/KE (ĠU L132, 3.5.2014, p. 1).

- (11) Sabiex ikun effettiv, jenħtieġ li l-Programm iqis in-natura speċifika u l-isfidi speċifiċi tas-setturi kulturali u kreattivi differenti, il-gruppi fil-mira differenti tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom permezz ta' approċċi mfassla apposta fi ħdan ferġha ddedikata għas-settur awdjoviżiv (il-"Ferġha MEDIA"), ferġha ddedikata għas-setturi kulturali u kreattivi l-oħra (il-"Ferġha Kulturali") u ferġha transettorjali (il-"Ferġha Transettorjali").
- (12) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġja azzjonijiet u attivitajiet b'valur miżjud Ewropew, li jikkomplementaw programmi u politiki reġjonali, nazzjonali, internazzjonali u programmi u politiki oħra tal-Unjoni u jagħmel impatt pożittiv fuq iċ-ċittadini Ewropej, u jenħtieġ li jappoġġja l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni u skambji tranżnazzjonali fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi. Permezz tali azzjonijiet u attivitajiet, il-Programm jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-identità u l-valuri Ewropej filwaqt li jippromwovi d-diversità kulturali u lingwistika.
- (13) Il-mużika, f'kull forma u espressjoni tagħha, u b'mod partikolari l-mużika kontemporanja u live, hija komponent importanti tax-xena kulturali, artistika u ekonomika tal-Unjoni u l-patrimonju tagħha. Hija element ta' koeżjoni soċjali u sservi bħala strument ewlieni biex jissaħħa l-iżvilupp ekonomiku u kulturali. Il-ferġha Kultura jenħtieġ għalhekk li tagħti attenzjoni lis-settur tal-mużika.

- (14) Il-fergħa Kultura jenħtieġ li tippromwovi n-networking ta' komunitajiet kreattivi u trawwem kollaborazzjoni transfruntiera u multidixxiplinari bl-użu ta' settijiet ta' ħiliet differenti, bħal settijiet ta' ħiliet artistiki, kreattivi, diġitali u teknoloġiċi.
- (15) Il-fergħa transettorjali għandha l-għan kemm li tisfrutta l-potenzjal ta' kollaborazzjoni bejn setturi kulturali u kreattivi differenti u li tindirizza l-isfidi komuni li jiffaċċjaw. Approċċ trażversali konġunt iwassal għal benefiċċji f'termini ta' trasferiment tal-għarfien u ta' effiċjenza amministrattiva. F'dan il-kuntest, id-desks tal-Programm jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi tal-Programm u għall-implimentazzjoni tiegħu.

- (16) Hemm bżonn ta' intervent mill-Unjoni fis-settur awdjoviżiv biex jakkumpanja l-politiki tal-Unjoni dwar is-Suq Uniku Diġitali. Dan jikkonċerna, b'mod partikolari, il-modernizzazzjoni tal-qafas tad-dritt tal-awtur permezz tad-Direttivi (UE) 2019/789¹ u (UE) 2019/790² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. Id-Direttivi (UE) 2019/789 u (UE) 2019/790 għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità tal- tal-operaturi awdjoviżivi Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet li jintwerew b'mod prominenti fuq media differenti, pereżempju it-TV, iċ-ċinema jew il-Video On Demand li tkun disponibbli u attraenti għat-tele spettaturi f'suq aktar miftuħ u kompetittiv kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha. Dawk id-Direttivi għandhom ukoll l-għan li jiksbu suq li jiffunzjona tajjeb għall-kreaturi u d-detenturi tad-drittijiet, speċjalment għall-pubblikazzjonijiet tal-istampa u l-pjattaformi online, u li jiżguraw remunerazzjoni ġusta għall-awturi u l-artisti, li huma dimensjonijiet li jenħtieġ li jitqiesu fil-Programm kollu kemm hu. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiżdied l-appoġġ sabiex jiġu indirizzati l-iżviluppi reċenti li seħħew fis-suq, b'mod partikolari l-pożizzjoni aktar b'saħħitha tal-pjattaformi globali ta' distribuzzjoni meta mqabbla ma' xandara nazzjonali li tradizzjonalment jinvestu fil-produzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej. Hekk kif il-kundizzjonijiet tas-suq u l-operaturi awdjoviżwali jkomplu jevolvu, jenħtieġ li jiġu pprovduti kriterji speċifiċi biex jiġi definit x'jikkostitwixxi kumpannija tal-produzzjoni indipendenti fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Programm.

¹ Id-Direttiva (UE) 2019/789 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li tistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur u ta' drittijiet relatati li japplikaw għal ċerti trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u għal trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 82).

² Id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92).

³ Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

⁴ Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbidlu (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69).

- (17) Jenħtieġ li l-Programm jippermetti l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli fih min-naħa tal-organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi u li daww l-organizzazzjonijiet ikollhom aċċess għall-Programm bl-aktar mod wiesa' possibbli, irrispettivament mill-oriġini ġeografika tagħhom. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġja daww l-organizzazzjonijiet u lill-aqwa talent, irrispettivament minn fejn ikunu jinsabu, biex joperaw bejn il-fruntieri u internazzjonalment. Il-fergħa MEDIA jenħtieġ li tqis id-differenzi bejn il-pajjiżi fir-rigward tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-kontenut awdjoviżiv u l-aċċess għall-kontenut awdjoviżiv u x-xejriet relatati mal-konsum tal-kontenut awdjoviżiv, u, b'mod partikolari, l-ispeċifitàjiet lingwistiċi u ġeografiċi tagħhom, biex b'hekk tipprovdi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u twessa' l-parteċipazzjoni minn Stati Membri b'kapaċitàjiet awdjoviżivi differenti u żżid il-kollaborazzjoni bejniethom filwaqt li tappoġġja t-talent Ewropew, irrispettivament minn fejn ikun jinsab, biex jopera bejn il-fruntieri u internazzjonalment. Jenħtieġ li jitqiesu wkoll l-ispeċifitàjiet tar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- (18) L-azzjonijiet speċjali taħt il-Programm bħall-azzjoni tal-Unjoni għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew stabbilita bid-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (iċ-"Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew"), il-Jiem tal-Patrimonju Ewropew, il-premjijiet Ewropej fl-oqsma tal-mużika kontemporanja, il-pop u r-rock, il-letteratura, il-patrimonju u l-arkitettura u l-Kapitali Ewropej tal-Kultura ġibdu l-attenzjoni ta' miljuni ta' ċittadini Ewropej, urew il-benefiċċji soċjali u ekonomiċi tal-politiki kulturali Ewropea u, għaldaqstant, jenħtieġ li jibqgħu jsiru u, kull meta jkun possibbli, għandhom jitwessgħu. Jenħtieġ li l-fergħa Kultura tappoġġa l-attivitajiet ta' networking tas-siti taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. Jenħtieġ li tiġi kkunsidrata wkoll il-possibbiltà li l-premjijiet Ewropej jiġu estiżi għal oqsma u setturi ġodda, b'mod partikolari t-teatru.
- (19) Il-kultura hija essenzjali għat-tisħiħ ta' komunitajiet inklużivi u koeżivi. Fil-kuntest tal-kwistjonijiet dwar il-migrazzjoni u l-isfidi b'rabta mal-integrazzjoni, il-kultura għandha rwol fundamentali biex tipprovdi opportunitajiet għal dialogu interkulturali u biex jiġu integrati l-migranti u r-refuġjati billi tgħinhom iħossuhom parti mis-soċjetajiet ospitanti, u biex jiġu żviluppati relazzjonijiet tajba bejn il-migranti u komunitajiet ġodda.
- (20) Sabiex jikkontribwixxi għal soċjetà inklużiva, jenħtieġ li l-Programm jippromwovi u jżid il-parteċipazzjoni kulturali fl-Unjoni kollha, b'mod partikolari fir-rigward ta' persuni b'diżabilità u persuni minn sfondi żvantaġġati.

¹ Id-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (ĠU L 303, 22.11.2011, p. 1).

- (21) F'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Davos tat-22 ta' Jannar 2018 bit-titlu "Towards a high-quality Baukultur for Europe" ("Lejn Baukultur ta' kwalità għolja għall-Ewropa"), jenħtieġ li jittieħdu passi biex jiġi promoss approċċ integrat għdid għat-tiswir ta' ambjent mibni ta' kwalità għolja li jkun ankrat fil-kultura, li jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali, li jiggarrantixxi ambjent sostenibbli u li jikkontribwixxi għas-saħħa u l-benesseri tal-popolazzjoni kollha. Jenħtieġ li dak l-approċċ ipoġġi enfasi mhux biss fuq iż-żoni urbani, iżda anki fuq l-interkonnektività ta' żoni periferiċi u rurali. Il-kunċett ta' Baukultur jinkorpora l-fatturi kollha li jħallu impatt dirett fuq il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini u tal-komunitajiet, u għalhekk irawwem l-inklużività, il-koeżjoni u s-sostenibbiltà b'mod konkret ħafna.
- (22) Il-libertà tal-espressjoni u l-libertà artistika huma fil-qalba ta' setturi kulturali u kreattivi vibranti. B'mod partikolari, is-settur tal-media tal-aħbarijiet jeħtieġ ambjent tal-media liberu, varjat u pluralistiku. Flimkien mad-Direttiva 2010/13/UE il-Programm jenħtieġ għalhekk li jippromwovi ambjent tal-media liberu, diversifikat u pluralistiku, li jhegġegħ l-iskambji u l-attivitajiet trażversali li jappoġġjaw is-settur tal-media tal-aħbarijiet. Jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għall-professjonisti ġodda tal-media u jtejjeb l-iżvilupp tal-ħsieb kritiku fost iċ-ċittadini permezz tal-promozzjoni tal-litteriżmu medjatiku.
- (23) Jenħtieġ ukoll li l-Programm jistimula l-interess u jtejjeb l-aċċess għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, b'mod partikolari permezz ta' miżuri għall-ilħuq ta' udjenzi ġodda, inkluż il-litteriżmu ċinematografiku.

- (24) Il-mobbilità tal-artisti u tal-ħaddiema kulturali lil hinn mill-fruntieri taħt il-fergħa Kultura tista' tikkontribwixxi għal setturi kulturali u kreattivi ġewwa l-Unjoni li jkunu konnessi aħjar, aktar b'saħħithom u aktar sostenibbli għax dan huwa mod biex jiġu aċċellerati l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kurva tat-tagħlim fi ħdan is-setturi, biex titjieb is-sensibilizzazzjoni interkulturali u biex jitrawwmu l-kokreazzjoni, il-koproduzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni u d-disseminazzjoni tranżnazzjonali tax-xogħlijiet.
- (25) Minħabba l-ispeċifitàjiet tas-setturi kulturali u kreattivi, jenħtieġ li l-proġetti ta' kooperazzjoni, b'mod partikolari proġetti fuq skala żgħira, ikunu fil-qalba tal-fergħa Kultura. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita l-parteċipazzjoni fil-Programm billi tikseb simplifikazzjoni sostanzjali tal-proċeduri burokratiċi, l-aktar fl-istadju tal-applikazzjoni, u, għal proġetti fuq skala żgħira, billi tippermetti rati ogħla ta' kofinanzjament.
- (26) F'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat- TFUE, il-Programm, fl-attivitàjiet kollha tiegħu, jenħtieġ li jappoġġjaw l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-integrazzjoni ta' objettivi ta' nondiskriminazzjoni u jenħtieġ li, fejn applikabbli, jiddefinixxi kriterji xierqa ta' bilanċ bejn is-sessi. In-nisa huma involuti b'mod attiv fis-setturi kulturali u kreattivi bħala awturi, professjonisti, għalliema, artisti u membri tal-udjenza. Madankollu, huwa inqas probabbli li n-nisa jikkupaw pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'istituzzjonijiet kulturali, artistiki u kreattivi. Għalhekk jenħtieġ li l-Programm jippromwovi t-talent femminili sabiex jappoġġja l-karrieri artistiki u professjonali tan-nisa.

- (27) B'kont meħud tal-komunikazzjoni Konġunta tat-8 ta' Ġunju 2016 intitolata "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali", approvata bir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-abbozz ta' baġit 2018¹, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Mejju 2017 dwar approċċ strateġiku tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali, l-istrumenti ta' finanzjament Ewropej u, b'mod partikolari, il-Programm, jenħtieġ li jagħrfu r-rilevanza tal-kultura fir-relazzjonijiet internazzjonali u r-rwol tagħha fil-promozzjoni tal-valuri Ewropej permezz ta' azzjonijiet immirati mfasslin b'tali mod li jkollhom impatt ċar mill-Unjoni fuq ix-xena globali.
- (28) F'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 2014 intitolata "Lejn approċċ integrat għall-Ewropa lejn il-wirt kulturali", il-politiki u l-istrumenti rilevanti jenħtieġ li jiżguraw il-legat tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018, li integrat b'suċċess u b'mod effiċjenti l-kultura f'oqsma ta' politika oħra, b'mod partikolari permezz ta' approċċ ta' governanza parteċipattiva, li jislet il-valur fit-tul tal-wirt kulturali tal-Ewropa u tas-sostenibbiltà tiegħu, filwaqt li jiżviluppa approċċ aktar integrat għall-preżervazzjoni u l-valorizzazzjoni tiegħu u jappoġġja s-salvagwardja, ir-riġenerazzjoni, l-użu mill-ġdid adattiv u l-promozzjoni sostenibbli tal-valuri tiegħu permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u networking. Fis-settur tal-kultura, għandu jiġi kkunsidrat li jingħata appoġġ lill-artisti, il-kreaturi u l-artiġjani artistiċi b'ħila fis-snaġġa tradizzjonali relatati mar-restawr tal-patrimonju kulturali. Fis-settur awdjoviżiv, b'mod partikolari, ix-xogħlijiet relatati mal-patrimonju huma sors kruċjali ta' memorja u diversità kulturali u jirrappreżentaw opportunitajiet potenzjali tas-suq. F'dan il-kuntest, l-arkivji u l-libreriji awdjoviżivi jikkontribwixxu għall-preżervazzjoni u l-użu mill-ġdid ta' xogħlijiet relatati mal-patrimonju u l-iżvilupp ta' suq ġdid għal dawn ix-xogħlijiet.

¹ ĠU C 334, 19.9.2018, p. 253

- (29) F'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' ta' Marzu 2020 intitolata "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa", [jenh'tieġ li](#) l-Unjoni sserraħ fuq il-lati pożittivi tagħha, b'mod partikolari d-diversità, it-talenti, il-valuri u l-mod ta' għajxien tagħha u l-innovaturi u l-kreaturi tagħha.
- (30) Is-suċċess tal-Programm iserraħ fuq l-iżvilupp ta' proġetti innovattivi u effettivi li jiġġeneraw prattiki tajbin f'termini ta' kooperazzjoni Ewropea tranżnazzjonali fis-setturi kulturali u kreattivi. Fejn ikun possibbli, stejjer ta' suċċess bħal dawn jenh'tieġ li jiġu promossi biex jiġi mhegġegħ l-appoġġ ta' mudelli ta' negozju u ħiliet ġodda, filwaqt li jitrawwem l-għarfien espert tradizzjonali u s-soluzzjonijiet kreattivi u interdixxiplinari jiġu tradotti f'valur ekonomiku u soċjali.
- (31) Soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, fil-Programm jenh'tieġ li jkunu jistgħu jipparteċipaw il-Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, il-pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali li jkunu qed jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni, il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u s-sħab strateġiċi tal-Unjoni.
- (32) Il-pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea jistgħu jieħdu sehem fil-programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilit skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi abbażi ta' deċiżjoni adottata skont dak il-Ftehim. Pajjiżi terzi jistgħu wkoll jieħdu sehem abbażi ta' strumenti ġuridiċi oħrajn. F'dan ir-Regolament jenh'tieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika li tirrikjedi li pajjiżi terzi jagħtu d-drittijiet u l-aċċess neċessarji meħtieġa biex l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Qorti tal-Awdituri jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv.

¹ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

- (33) Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jimmiraw li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-Programm . Madankollu, fir-rigward ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet biex jipparteċipaw fil-fergħat MEDIA u Transettorjali, iżda li jipparteċipaw fil-fergħa Kultura, jenħtieġ li dawn ikunu jistgħu jistabbilixxu u jappoġġjaw desks tal-Programm biex jippromwovu l-Programm f'pajjiżhom u biex jistimulaw il-kooperazzjoni transfruntiera fis-setturi kulturali u kreattivi.
- (34) Jenħtieġ li d-derogi mill-obbligu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2010/13/UE jkunu soġġetti għal skrutinju u jingħataw lil pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat f'każijiet debitament ġustifikati, b'kont meħud tas-sitwazzjoni speċifika tas-suq awdjoviżiv fil-pajjiż ikkonċernat u l-livell ta' integrazzjoni fil-qafas politiku awdjoviżiv Ewropew. Jenħtieġ li l-progress lejn il-kisba tal-oġettivi stabbiliti fid-Direttiva 2010/13/UE jiġi mmonitorjat fuq bażi regolari. Barra minn hekk, il-parteeċipazzjoni fl-azzjonijiet iffinanzjati mill-fergħa MEDIA jenħtieġ li tiġi stabbilita skont il-każ fil-programmi ta' ħidma rilevanti.
- (35) Jenħtieġ li l-programm irawwem il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Unesco, il-Kunsill tal-Ewropa, inkluż Eurimages u l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew (l-"Osservatorju"), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġja wkoll l-impenn tal-Unjoni b'rabta mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari d-dimensjoni kulturali tagħhom. Fir-rigward tas-settur awdjoviżiv, il-Programm jenħtieġ li jiżgura l-kontribut tal-Unjoni għall-ħidma tal-Osservatorju.

- (36) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi adottat fl-ambitu tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u li tissodisfa l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm huwa maħsub li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-azzjonijiet klimatiċi u għall-kisba ta' mira ġenerali ta' 30 % tal-infiq tal-baġit tal-Unjoni li jappoġġa l-għanijiet klimatiċi. F'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala pjan ta' azzjoni għal tkabbir sostenibbli, l-azzjonijiet taħt dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrispettaw il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Matul l-implimentazzjoni tal-Programm, jenħtieġ li jiġu identifikati -azzjonijiet rilevanti u li jiġu stabbiliti mingħajr ma jitbiddel il-karattru fundamentali tal-Programm u jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.
- (37) Għall-finijiet ta' simplifikazzjoni u effiċjenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' taqsam l-impenji baġitarji f'pagamenti annwali. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-Kummissjoni, matul l-implimentazzjoni tal-Programm, timpenja l-pagamenti annwali, b'kont meħud tal-progress tal-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja, l-istima tal-ħtiġijiet tagħhom u l-baġit disponibbli. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkomunika lill-benefiċjarji tal-għotjiet skeda ta' żmien indikattiva li tkopri l-impenn tal-pagamenti annwali individwali.

- (38) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 TFUE japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (ir-"Regolament Finanzjarju") u jiddeterminaw, b'mod partikolari, il-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet u implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu kontrolli fuq ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jinkludu wkoll reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.
- (39) LUX - il-Premju Ċinematografiku Ewropew tal-Pubbliku mogħti mill-Parlament Ewropew u l-Akkademja Ewropea ta' Ċinema" stabbilixxa lilu nnifsu bħala premju Ewropew distint, li jippromwovi u jxerred films Ewropej li jirriflettu l-identità u l-valuri Ewropej lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, u jibni fuq kollaborazzjonijiet ma' komunità ta' kreaturi ċinematografiċi rinomati u organizzazzjonijiet u networks ċinematografiċi Ewropej.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- (40) Sa mill-ħolqien tagħha, l-Orkestra taż-Żgħażaġ tal-Unjoni Ewropea żviluppat għarfien espert uniku fil-promozzjoni tal-aċċess għall-mużika, kif ukoll fid-djalogu interkulturali, ir-rispett reċiproku u l-intendiment permezz tal-kultura, filwaqt li ffavorixxiet ukoll l-iżvilupp tal-karriera internazzjonali u t-taħriġ tal-mużiċisti żgħażaġ. L-Orkestra taż-Żgħażaġ tal-Unjoni Ewropea hija partikolari minħabba li hija orkestra Ewropea maħluqa b'riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew li tmur lil hinn mill-konfini kulturali u hija magħmula minn mużiċisti żgħażaġ magħżula mill-Ewropa kollha f'konformità ma' kriterji artistiċi eżiġenti permezz ta' proċess ta' awdizzjoni annwali trasparenti li jsir fl-Istati Membri kollha. Dan il-kontribut speċjali għad-diversità u l-identità kulturali tal-Ewropa jenħtieġ li jiġi rikonoxxut, pereżempju, billi jiġu previsti azzjonijiet li l-Orkestra taż-Żgħażaġ tal-Unjoni Ewropea u entitajiet kulturali Ewropej simili jistgħu japplikaw biex jipparteċipaw fihom. Jenħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà ta' finanzjament pluriennali għal tali entitajiet sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-funzjonament tagħhom.
- (41) Organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi b'kopertura ġeografika Ewropea wiesgħa li l-attivitajiet tagħhom jinvolve l-forniment ta' servizzi kulturali direttament liċ-ċittadini tal-Unjoni u li għalhekk għandhom il-potenzjal li jkollhom impatt dirett fuq l-identità Ewropea jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-appoġġ mill-Unjoni.

- (42) Sabiex tiġi żgurata l-allokazzjoni effiċjenti tal-fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, jeħtieġ li l-azzjonijiet u l-attivitajiet kollha mwettqa taħt il-Programm jipprovdu valur aġġunt Ewropew. Jeħtieġ ukoll li jiġi żgurat li huma jikkomplementaw l-attivitajiet tal-Istati Membri. Jenħtieġ li jiġu mfittxija l-konsistenza, il-komplementarjetà u s-sinerġiji mal-programmi ta' finanzjament li jappoġġjaw oqsma ta' politika b'rabtiet mill-qrib ma' xulxin, filwaqt li jiġi żgurat li l-benefiċjarji potenzjali jkunu konxji tal-opportunitajiet ta' finanzjament differenti, u mal-politiki orizzontali bħall-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.
- (43) L-appoġġ finanzjarju jenħtieġ li jintuża biex in-nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment mhux ottimali jiġu indirizzati b'mod proporzjonat, u l-azzjonijiet jenħtieġ li ma jiddupplikawx jew jeskludu l-finanzjament privat jew ifixxlu l-kompetizzjoni fis-suq intern.
- (44) Huwa importanti li l-Programm jindirizza l-isfidi strutturali tas-setturi kulturali u kreattivi tal-Ewropa li ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19. Il-Programm jinkludi r-rwol fundamentali tal-kultura u l-media Ewropej għall-benesseri taċ-ċittadini u biex dawn ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati. Il-Programm, flimkien ma' programmi ta' finanzjament rilevanti oħra tal-Unjoni u Next Generation EU, jenħtieġ li jappoġġjaw l-irkupru fuq terminu qasir tas-setturi kulturali u kreattivi, isaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività fit-tul tagħhom biex kriżijiet potenzjali ewlenin fil-futur jiġu indirizzati bl-aħjar mod u biex jakkumpanjaw it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika tagħhom.
- (45) L-oġġettivi ta' politika tal-Programm huma indirizzati wkoll permezz ta' strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji taħt it-twieqi ta' politika tal-Programm InvestEU 2021-2027, li, fost l-oħrajn, ikomplu jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi żgħar u medji u għall-organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi.

- (46) L-impatt, il-kwalità u l-effiċjenza fl-implimentazzjoni tal-proġetti skont il-Programm jenħtieġ li jikkostitwixxu l-kriterji ewlenin ta' evalwazzjoni għall-għażla tal-proġetti kkonċernati. B'kont meħud tal-għarfien espert tekniku meħtieġ għall-valutazzjoni tal-proposti taħt azzjonijiet speċifiċi tal-Programm, membri tal-kumitati li jridu jevalwaw tali proposti ("kumitati ta' evalwazzjoni") jistgħu jkunu esperti esterni. Meta jintgħażlu l-esperti esterni, jenħtieġ li jiġu meqjusa sew l-esperjenzi professjonali tagħhom u l-bilanċ bejn il-ġeneri tal-kumitat inkwistjoni.
- (47) Il-Programm jenħtieġ li jkun jinkludi sistema realistika u maniġġabbli ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi tal-prestazzjoni li takkumpanja l-azzjonijiet tiegħu u li timmonitorja l-prestazzjoni tiegħu fuq bażi kontinwa. Tali monitoraġġ u l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm u mal-azzjonijiet tiegħu, jenħtieġ li jibnu fuq it-tliet ferġat tal-Programm.
- (48) Meta wieħed iqis l-importanza u l-kumplessità tal-ġbir u l-analiżi tad-data u tal-kejl tal-impatt tal-politiki kulturali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tgħin fil-ġbir ta' evidenza u data statistika dwar ix-xejriet u l-iżviluppi tas-setturi kulturali u kreattivi billi tagħmel użu mill-għarfien espert tagħha u minn dak ta' istituzzjonijiet tar-riċerka rilevanti oħra u jenħtieġ li tirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u dwar id-data miġbura.
- (49) Jenħtieġ li l-Programm jiġi stabbilit għal perijodu ta' seba' snin biex it-tul tiegħu jiġi allinjat ma' dak tal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027 stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093¹ (il-QFP"2021-2027)".

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28).

- (50) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-Programm li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja fis-sens tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda¹, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.
- (51) Ir-Regolament Finanzjarju japplika għal dan il-Programm. Ir-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar l-għotjiet, fosthom dawk mogħtija lil partijiet terzi, premjijiet, akkwist pubbliku, ġestjoni indiretta, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, .assistenza finanzjarja u r-rimborż ta' esperti esterni.
- (52) Il-forom ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-kapaċità tagħhom li jiksbu l-oġettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jħallu riżultati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni amministrattiva, b'mod partikolari fil-proċess tal-applikazzjoni, għall-benefiċċju tal-partijiet kollha involuti, u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Meta ssir dik l-għażla, jenħtieġ li jitqies l-użu ta' somom f'daqqa, kostijiet unitarji u rati fissi, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

¹ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

(53) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95², (Euratom, KE) Nru 2185/96³ u (UE) 2017/1939⁴, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż miżuri relatati mal-prevenzjoni, is-sejbien, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, mal-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u, fejn xieraq, mal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-OLAF għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu s-setgħa, skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, li jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni għandha tikkoopera b'mod sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, [...] tagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri, u fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

⁵ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

- (54) Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħataw proposti ta' kwalità għal azzjonijiet li huma eliġibbli taħt il-Programm iżda li ma jistgħux jiġu ffinanzjati minnu minħabba restrizzjonijiet baġitarji b'tikketta ta' Siġill ta' Eċċellenza, abbażi ta' sett speċifiku ta' kriterji. It-tikketta ta' Siġill ta' Eċċellenza tirrikonoxxi l-kwalità tal-proposta u tissimplifika t-tfittxija għal finanzjament alternattiv taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jew il-Fond Soċjali Ewropew Plus. Għal azzjonijiet, li fir-rigward tagħhom jista' jingħata ċertifikat ta' Siġill ta' Eċċellenza, jenħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali fis-sejthiet għal proposti rilevanti.
- (55) Fid-dawl tal-Artikolu 349 TFUE u filwaqt li titqies il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 intitolata "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE", il-kontribut speċifiku tar-reġjuni msemmija f'dak l-Artikolu għad-diversità kulturali tal-Unjoni, kif ukoll ir-rwol tagħhom fil-promozzjoni tal-iskambji, inkluż permezz tal-mobbilità, u l-kooperazzjoni ma' persuni u organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari mill-pajjiżi ġirien tagħhom, jenħtieġ li jiġu vvalutati. Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE¹ u b'kont meħud tal-kontribut ta' pajjiżi u territorji extra-Ewropej għall-influwenza kulturali internazzjonali tal-Unjoni, persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u l-oġettivi tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu jkun marbut il-pajjiż jew it-territorju extra-Ewropew rilevanti. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li l-persuni jibbenefikaw bl-istess mod mill-vantaġġi kompetittivi li l-industriji kulturali u kreattivi jistgħu joffru, b'mod partikolari t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea) (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

- (56) Sabiex tiġi żgurata l-valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-objettivi tiegħu, jenħteġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-iżvilupp ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u fir-rigward tar-rieżami tal-indikaturi tal-Programm. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. B'mod partikolari, biex tkun żgurata l-parteċipazzjoni ugwali waqt it-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (57) F'konformità mal-Artikolu 193(2) tar-Regolament Finanzjarju, huwa possibbli li tingħata għotja għal azzjoni li tkun diġà bdiet, dment li l-applikant ikun jista' juri l-ħtieġa li l-azzjoni tinbeda qabel il-firma tal-ftehim ta' għotja. Madankollu, l-ispejjeż imġarrba qabel id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal għotja mhumieq eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni, ħlief f'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati. F'konformità mal-Artikolu 193(4) tar-Regolament Finanzjarju, lanqas l-ispejjeż mġarrba qabel id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal għotja s ma huma eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni fil-każ ta' għotjiet operattivi u l-ftehim ta' għotja jrid jiġi ffirmat fi żmien erba' xhur mill-bidu tas-sena finanzjarja tal-benefiċjarju. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fl-appoġġ tal-Unjoni li jista' jkun ta' preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li fid-deċiżjoni ta' finanzjament, għal perijodu limitat ta' żmien fil-bidu tal-QFP 2021-2027, u f'każijiet debitament ġustifikati biss, tkun prevista l-eliġibbiltà tal-attivitajiet u l-ispejjeż mill-1 ta' Jannar 2021, anki jekk dawk l-attivitajiet ikunu ġew implimentati u dawk il-kostijiet ikunu ġew imġarrba qabel ma tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal għotja.
- (58) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar -Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li l-Programm jiġi evalwat fuq il-bażi ta' informazzjoni miġbura f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv, b'mod partikolari għall-Istati Membri, u r-regolamentazzjoni żejda.-, Dawk ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jenħtieġ li jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fil-prattika.

- (59) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta l-programmi ta' ħidma. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. B'mod partikolari, kif previst f'dan ir-Regolament, il-limiti ta' żmien jenħtieġ li jkunu proporzjonati u jenħtieġ li joffru lill-membri tal-komitat opportunitajiet bikrija u effettivi biex jeżaminaw l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u jesprimu l-fehmiet tagħhom.
- (60) Jeħtieġ ukoll li jiġi żgurat li l-Programm Ewropa Kreattiva stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² (il-"Programm 2014-2020") jingħalaq b'mod korrett, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontinwazzjoni ta' arranġamenti pluriennali għall-ġestjoni tiegħu, bħall-finanzjament ta' assistenza teknika u amministrattiva. Mill-1 ta' Jannar 2021, l-assistenza teknika u amministrattiva jenħtieġ li tiżgura, fejn meħtieġ, il-ġestjoni tal-azzjonijiet li jkunu għadhom ma ġewx iffinalizzati bħala parti mill-Programm 2014-2020 sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (61) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti, b'mod partikolari fil-Karta. B'mod partikolari, dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura r-rispett sħiħ tad-dritt għal ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u tad-dritt ta' nondiskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, ta' oriġini razzjali jew etnika, ta' reliġjon jew twemmin, ta' diżabilità, ta' età jew ta' orjentazzjoni sesswali, kif minqas fl-Artikoli 21 u 23 tal-Karta. Dan ir-Regolament wkoll konformi mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

- (62) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-karattru tranżnazzjonali tagħhom, il-volum għoli u l-ambitu ġeografiku wiesa' tal-attivitajiet ta' mobbiltà u ta' kooperazzjoni ffinanzjati, l-effetti tagħhom fuq l-aċċess għall-mobbiltà għat-tagħlim u, b'mod aktar ġenerali, fuq l-integrazzjoni tal-Unjoni, u d-dimensjoni internazzjonali msaħħa tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (63) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 jenħtieġ li jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.
- (64) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti u biex tkun tista' ssir l-implimentazzjoni tal-Programm mill-bidu tal-QFP 2021-2027, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza u jenħtieġ li japplika, b'effett retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2021 .

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (il-"Programm") għall-perijodu tal-QFP 2021 - 2027.

Jistabbilixxi l-oġġettivi tal-Programm, il-baġit għall-perijodu 2021 – 2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dan it-tip ta' finanzjament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "setturi kulturali u kreattivi" tfisser is-setturi kollha:
 - (a) li l-attivitajiet tagħhom, li bosta minnhom għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw innovazzjoni u impjiegi b'mod partikolari mill-propjetà intellettuali:
 - (i) huma bbażati fuq valuri kulturali u espressjonijiet artistiċi u espressjonijiet kreattivi oħra individwali jew kollettivi; u

- (ii) jinkludu l-iżvilupp, il-ħolqien, il-produzzjoni, id-disseminazzjoni u l-preżervazzjoni ta' prodotti u servizzi li jinkorporaw espressjonijiet kulturali, artistiċi jew espressjonijiet kreattivi oħra, kif ukoll funzjonijiet relatati bħall-educazzjoni jew il-ġestjoni;

(b) irrispettivament minn:

- (i) jekk l-attivitajiet ta' dawk is-setturi humiex orjentati lejn is-suq jew mhux orjentati lejn is-suq;
- (ii) it-tip ta' struttura li twettaq dawk l-attivitajiet; u
- (iii) kif tiġi ffinanzjata l-istruttura;

dawk is-setturi jinkludu, fost l-oħrajn, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-sinjura' artistiċi, l-awdjoviżiv (inkluż iċ-ċinematografija, it-televiżjoni, il-logħob tal-video u l-multimedia), il-patrimonju kulturali tanġibbli u intanġibbli, id-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), il-festivals, il-mużika, il-letteratura, l-arti tal-ispettaklu (inkluż it-teatru u ż-żfin), il-kotba u l-pubblikazzjoni, ir-radju u l-arti viżiva;

- (2) "entità ġuridika" tfisser persuna fiżika jew ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont il-liġi nazzjonali, il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u li tista' teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi meta taġixxi f'isimha stess, jew entità li ma għandhiex personalità ġuridika kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 197(2) tar-Regolament Finanzjarju;

- (3) "operazzjoni ta' taħlit" tfisser azzjonijiet appoġġati mill-baġit tal-Unjoni, inkluż dawk fi ħdan faċilitajiet ta' taħlit skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament Finanzjarju, li jikkombinaw forum ta' appoġġ li mhumiex rimborżabbli u strumenti finanzjarji mill-baġit tal-Unjoni b'forum ta' sostenn rimborżabbli minn istituzzjonijiet finanzjarji tal-iżvilupp jew minn istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi oħra, jew minn istituzzjonijiet finanzjarji kummerċjali u minn investitori.

Artikolu 3

Obiettivi tal-programm

1. L-obiettivi ġenerali tal-Programm huma li:
 - (a) jiġu ssalvagwardati, żviluppati u promossi d-diversità u l-patrimonju kulturali u lingwistiku Ewropew;
 - (b) jiżdiedu l-kompetittività u l-potenzjal ekonomiku tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari tas-settur awdjoviżiv.
2. Il-Programm għandu l-obiettivi speċifiċi li ġejjin:
 - (a) li jtejjeb il-kooperazzjoni artistika u kulturali fil-livell Ewropew, sabiex jiġi appoġġat il-ħolqien ta' xogħlijiet Ewropej u tissaħħaħ id-dimensjoni ekonomika, soċjali u esterna tas-setturi kulturali u kreattivi tal-Ewropa u l-innovazzjoni u l-mobbilità tagħhom;
 - (b) li jippromwovi l-kompetittività, l-iskalabbiltà, il-kooperazzjoni, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà, inkluż permezz tal-mobbilità fis-settur awdjoviżiv Ewropew;

- (c) li jippromwovi l-kooperazzjoni fil-politika u azzjonijiet innovattivi li jappoġġjaw il-fergħat kollha tal-Programm u li jippromwovi ambjent medjatiku diversifikat, indipendenti u pluralistiku u l-litteriżmu medjatiku, biex b'hekk jitrawmu l-libertà tal-espressjoni artistika, id-djalogu interkulturali u l-inklużjoni soċjali.

3. Il-Programm għandu jkopri l-fergħat li ġejjin:

- (a) il-fergħa "Kultura", li tkopri s-setturi kulturali u kreattivi, għajr is-settur awdjoviżiv;
- (b) il-fergħa "MEDIA", li tkopri s-settur awdjoviżiv;
- (c) il-fergħa "Transettorjali", li tkopri azzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi kollha.

4. Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-valur intrinsiku u ekonomiku tal-kultura, l-oġettivi tal-Programm għandhom jintlaḥqu permezz ta' azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew. Il-valur miżjud Ewropew għandu jkun żgurat, fost l-oħrajn, permezz ta':

- (a) il-karattru tranżnazzjonali tal-azzjonijiet u l-attivitajiet, li jikkomplementaw il-programmi u l-politiki reġjonali, nazzjonali, internazzjonali u programmi u politiki oħrajn tal-Unjoni, u b'hekk jippromwovu l-għeruq komuni Ewropej u d-diversità kulturali;
- (b) kooperazzjoni transfruntiera, inkluż permezz tal-mobbilità, fost l-organizzazzjonijiet u l-professjonisti fis-setturi kulturali u kreattivi, u l-potenzjal ta' tali kooperazzjoni li tindirizza sfidi komuni, inkluż it-tranżizzjoni diġitali, u li tippromwovi l-aċċess għall-kultura, l-involviment attiv taċ-ċittadini u d-djalogu interkulturali.

- (c) l-ekonomiji ta' skala u t-tkabbir u l-impjiegi li l-appoġġ tal-UE trawwim, biex jinħoloq effett ta' lieva għal fondi addizzjonali.
 - (d) il-forniment ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni permezz ta' azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew taħt il-fergħa MEDIA li jqisu l-ispeċifikitajiet ta' pajjiżi differenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-kontenut, u l-aċċess għall-kontenut, tad-daqs u l-ispeċifikitajiet tas-swieq tagħhom u d-diversità kulturali u lingwistika tagħhom, b'mod li jwessa' l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti u li jsaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn daww il-pajjiżi.
5. L-oġġettivi tal-Programm għandhom jintlaħqu b'mod li jħeġġeġ l-inklużjoni, l-ugwaljanza, id-diversità u l-parteċipazzjoni li, fejn xieraq, għandhom jinkisbu permezz ta' inċentivi speċifiċi li:
- (a) jiżguraw li l-persuni b'diżabilità, il-persuni li jappartjenu għal minoranzi u l-persuni li jappartjenu għal gruppi soċjalment emarġinati jkollhom aċċess għas-setturi kulturali u kreattivi, u li jħeġġu l-parteċipazzjoni attiva tagħhom f'dawk is-setturi, inkluż kemm fil-proċess kreattiv kif ukoll fl-ilħuq ta' udjenzi ġodda; u
 - (b) irawmu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari bħala mutur tal-kreattività, it-tkabbir ekonomiku u l-innovazzjoni.

Artikolu 4
Azzjonijiet tal-programm

Il-Programm għandu jappoġġja azzjonijiet li huma f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Artikoli 5, 6 u 7 u d-deskrizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 5
Il-fergħa Kultura

1. F'konformità mal-oġettivi tal-Programm msemmija fl-Artikolu 3, il-fergħa Kultura għandu jkollha l-prijoritajiet li ġejjin:
 - (a) li ssaħħaħ il-kooperazzjoni tranżnazzjonali u d-dimensjoni transfruntiera tal-ħolqien, iċ-ċirkolazzjoni u l-viżibilità ta' xogħlijiet Ewropej u l-mobbilità tal-operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi;
 - (b) li żżid l-aċċess għal u l-partekippazzjoni fil-kultura u li żżid l-involviment tal-udjenza u li ttejjeb l-iżvilupp tal-udjenza madwar l-Ewropa;
 - (c) li tippromwovi r-reżiljenza tas-soċjetà u li ttejjeb kemm l-inklużjoni soċjali u d-djalogu interkulturali permezz tal-kultura u l-patrimonju kulturali;
 - (d) li ttejjeb il-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej, inkluż il-kapaċità tal-individwi li jaħdmu f'dawk is-setturi, li jrawmu t-talent, li jinnovaw, li jiffjorixxu u li joħolqu impjiegi u tkabbir;

- (e) li ssaħħa l-identità u l-valuri Ewropej permezz ta' kuxjenza kulturali, edukazzjoni artistika u kreattività bbażata fuq il-kultura fl-edukazzjoni;
 - (f) li tippromwovi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi Ewropej, inkluż l-organizzazzjonijiet ta' bażi u dawk mikro, sabiex ikunu jistgħu jkunu attivi fil-livell internazzjonali;
 - (g) li tikkontribwixxi għall-istrateġija globali tal-Unjoni għar-relazzjonijiet internazzjonali permezz tal-kultura.
2. L-azzjonijiet li permezz tagħhom għandhom jintlaħqu l-prijoritajiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinsabu fit-Taqsima 1 tal-Anness I.

Artikolu 6

Il-fergħa MEDIA

1. F'konformità mal-obiettivi tal-Programm imsemmija fl-Artikolu 3, il-fergħa "MEDIA" għandu jkollha l-prijoritajiet li ġejjin:
- (a) li trawwem talent, kompetenzi u ħiliet u li tistimula l-kooperazzjoni, il-mobbilità u l-innovazzjoni fil-ħolqien u l-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, biex b'hekk thegħgeġ il-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti;

- (b) li ttejjeb iċ-ċirkolazzjoni, il-promozzjoni, id-distribuzzjoni online u d-distribuzzjoni teatrali ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fl-Unjoni u internazzjonalment fl-ambjent diġitali l-ġdid, inkluż permezz ta' mudelli ta' negozju innovattivi;
 - (c) li ttipromwovi xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż xogħlijiet relatati mal-patrimonju, u li tappoġġa l-involvement u l-iżvilupp ta' udjenzi ta' kull età, b'mod partikolari udjenzi żgħażaġh, madwar l-Ewropa u lil hinn minnha.
2. Il-prijoritajiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu indirizzati permezz ta' appoġġ għall-iżvilupp, il-produzzjoni, il-promozzjoni u d-disseminazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u appoġġ għall-aċċess għal dawk ix-xogħlijiet, bl-oġġettiv li jilħqu udjenzi varjati kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha, u b'hekk jadattaw għal żviluppi ġodda tas-suq u jakkumpanjaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/13/UE.
3. L-azzjonijiet li permezz tagħhom għandhom jintlaħqu l-prijoritajiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinsabu fit-Taqsima 2 tal-Anness I.

Artikolu 7

Il-fergħa Transettorjali

1. F'konformità mal-obiettivi tal-Programm imsemmija fl-Artikolu 3, il-fergħa "Transettorjali" għandu jkollha l-prijoritajiet li ġejjin:
 - (a) li tappoġġa l-kooperazzjoni fil-politika tranżnazzjonali transettorjali, inkluż il-kooperazzjoni dwar il-promozzjoni tar-rwol tal-kultura fl-inklużjoni soċjali u l-kooperazzjoni fir-rigward tal-libertà artistika, li tippromwovi l-viżibiltà tal-Programm u li tappoġġa t-trasferibbiltà tar-risultati tal-Programm;
 - (b) li thegħgeġ approċċi innovattivi għall-ħolqien, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ta' kontenut, u tal-aċċess għalih fis-setturi kulturali u kreattivi kollha u setturi oħra, inkluż billi jittieħed kont tat-tranżizzjoni diġitali, filwaqt li jiġu koperti kemm id-dimensjoni tas-suq kif ukoll dik mhux tas-suq;
 - (c) li tippromwovi attivitajiet trażversali li għandhom l-għan li jaġġustaw għall-bidliet strutturali u teknoloġiċi li jiffaċċja s-settur tal-media, inkluż it-titjib ta' ambjent medjatiku liberu, diversifikat u pluralistiku, ġurnaliżmu ta' kwalità u litteriżmu medjatiku, inkluż fl-ambjent diġitali;
 - (d) li tappoġġa l-istabbiliment ta' desks tal-Programm fil-pajjiżi parteċipanti u l-attivitajiet ta' desks tal-Programm u li tistimula l-kooperazzjoni transfruntiera u l-iskambju tal-aħjar prattiki fis-setturi kulturali u kreattivi.

2. L-azzjonijiet li permezz tagħhom għandhom jintlaħqu l-prijoritajiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinsabu fit-Taqsima 3 tal-Anness I.

Artikolu 8

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun ta' EUR 1 842 000 000 , f'termini ta' prezzijiet attwali.
2. Bħala riżultat tal-aġġustament speċifiku għall-programm previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 l-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiżdied b'allokazzjoni addizzjonali ta' EUR 600 000 000 fi prezzijiet tal-2018 kif speċifikat fl-Anness II għal dak ir-Regolament.
3. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun:
 - (a) mill-inqas 33 % għall-oġettiv imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 3(2) (il-fergħa Kultura);
 - (b) mill-inqas 58 % għall-oġettiv imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2)(b) (il-fergħa MEDIA);
 - (c) sa 9 % għall-oġettiv imsemmi fil-punt (c) tal-fl-Artikolu 3(2)(il-fergħa Transettorjali).

4. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont stabbilit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandu jkun:
- (a) mill-inqas 33 % għall-oġettiv imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 3(2) (il-fergħa Kultura);
 - (b) mill-inqas 58 % għall-oġettiv imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2)(b) (il-fergħa MEDIA);
 - (c) sa 9 % għall-oġettiv imsemmi fil-punt (c) tal- 3(2)(il-fergħa Transettorjali).
5. L-ammonti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 jista' jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet ta' tħejja, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni inkluż sistemi korporattivi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni.
6. Minbarra l-ammonti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, u sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-Programm, jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, u minn Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III), b'appoġġ għal azzjonijiet li huma implimentati u ġestiti f'konformità ma' dan ir-Regolament. Tali kontribuzzjonijiet għandhom jiġu ffinanzjati f'konformità mar-Regolamenti li jistabbilixxu dawk l-istrumenti.

7. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu trasferiti għall-Programm, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26 ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi (ir-‘Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni’). Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament f'konformità mal-punt (c) ta' dak is-subparagrafu. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.
8. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f'pagamenti annwali. Dawk l-impenji ma għandhomx jaqbu 40 % tal-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 .

Artikolu 9

Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm

1. Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-parteeipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin, dment li jikkontribwixxu finanzjarjament għall-Programm:
 - (a) Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;
 - (b) pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteeipazzjoni ta' daww il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rispettivi, jew fi ftehimiet simili, u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u daww il-pajjiżi;
 - (c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteeipazzjoni ta' daww il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rispettivi, jew fi ftehimiet simili u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u daww il-pajjiżi;

- (d) pajjiżi terzi oħra, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, dment li l-ftehim:
- (i) jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u tal-benefiċċji tal-pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni;
 - (ii) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali, u l-kostijiet amministrattivi tagħhom;
 - (iii) ma jagħti l-ebda setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet lill-pajjiż terz fir-rigward tal-programm tal-Unjoni;;
 - (iv) jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha.

Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt d(ii) tal-ewwel subparagrafu għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fil-fergħa MEDIA u fil-fergħa Transettorjali għandha tkun soġġetta għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2010/13/UE.
3. Il-ftehimiet konklużi mal-pajjiżi kif imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 jistgħu jidderogaw mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 2 f'każijiet debitament ġustifikati.

4. Il-pajjiżi kif imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li pparteċipaw b'mod sħiħ fil-Programm 2014-2020 jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-Programm fuq bażi proviżorja jekk ikunu jistgħu juru li hađu passi tanġibbli biex jallinjaw il-liġi nazzjonali tagħhom mad-Direttiva 2010/13/UE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/1808.
5. Il-pajjiżi kif imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallew ikomplu jipparteċipaw fil-Programm lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2022 dment li huma jipprovdu lill-Kummissjoni evidenza li turi li huma ssodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2010/13/UE.
6. L-aċċess għall-azzjonijiet li jikkorrispondu għall-prijorità msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 7(1) għandu jiġi żgurat għall-pajjiżi li jipparteċipaw b'mod eċċezzjonali fil-fergħa Kultura iżda li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-partiċipazzjoni fil-fergħa MEDIA u fil-fergħa Transettorjali skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 10

Pajjiżi terzi oħra

Fejn ikun fl-interess tal-Unjoni, il-Programm jista' jappoġġja l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 9 fir-rigward ta' azzjonijiet iffinanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali mill-istrumenti ta' finanzjament estern f'konformità mal-Artikolu 8(3).

Artikolu 11
Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali
u mal-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew

- 1 L-aċċess għall-Programm għandu jkun miftuħ għal organizzazzjonijiet internazzjonali li huma attivi fl-oqsma koperti mill-Programm, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.
2. L-Unjoni għandha tkun membru tal-Osservatorju tul il-Programm kollu. Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-Osservatorju għandha tikkontribwixxi għall-kisba tal-prijoritajiet tal-fergħa MEDIA. Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fit-trattamenti tagħha mal-Osservatorju. Il-fergħa MEDIA għandha tappoġġa l-ħlas tat-tariffa ta' kontribuzzjoni għas-
sħubija tal-Unjoni fl-Osservatorju u l-ġbir u l-analiżi tad-data fis-settur awdjoviżiv.

Artikolu 12
Ġbir ta' data dwar is-setturi kulturali u kreattivi

Biex tissaħħaħ il-bażi tal-evidenza għall-iżvilupp tas-setturi kulturali u kreattivi u biex jitkejjel u jiġi analizzat il-kontribut tagħhom għall-ekonomija u s-soċjetà tal-Ewropa, il-Kummissjoni għandha tiġbor data u informazzjoni xierqa bl-użu tal-ġarfien espert tagħha u dak tal-Kunsill tal-Ewropa, tal-OECD, tal-Unesco u tal-istituzzjonijiet ta' riċerka rilevanti, kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-data miġbura. Il-Kummissjoni għandha tikkondividi s-sejbiet rilevanti dwar id-data miġbura mal-partijiet ikkonċernati.

Artikolu 13

Forom ta' finanzjament tal-Unjoni u metodi ta' implimentazzjoni

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat taħt ġestjoni diretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju jew taħt ġestjoni indiretta mal-korpi kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 62(1) ta' dak ir-Regolament.
2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet u akkwist pubbliku. Il-Programm jista' jipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji fi ħdan operazzjonijiet ta' taħlit.
3. L-operazzjonijiet ta' taħlit skont il-Programm għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁺ u t-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju.
4. Kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament Finanzjarju. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁺.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' (ĠU L...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS 74/20 (2020/0108 (COD)), u daħħal in-numru, id-data, l-awturi, l-isem u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

² Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li... jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli għall-partiċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu (ĠU L..., ... p...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fil-fajl PE-CONS ST 7064/20 (2018/0224 (COD)), u daħħal in-numru, id-data, l-awturi, l-isem u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

5. L-entitajiet attivi fis-settur kulturali u dak kreattiv li jkunu rċevew iktar minn 50 % tad-dħul annwali tagħhom minn sorsi pubbliċi tul l-aħħar sentejn, għandhom jitqiesu li għandhom il-kapaċità finanzjarja, professjonali u amministrattiva meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet taħt il-Programm. Ma għandhomx għalfejn ikollhom jippreżentaw dokumentazzjoni ulterjuri biex juru dik il-kapaċità.

Artikolu 14

Protezzjoni tal-interessi finanzjarju tal-Unjoni

Meta pajjiż terz jipparteċipa fil-Programm permezz ta' deċiżjoni adottata skont ftehim internazzjonali jew abbażi ta' kwalunkwe strument legali ieħor, dak il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa mill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni responsabbli, l-OLAF u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv. Fil-każ tal-OLAF, tali drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

Artikolu 15

Programmi ta' ħidma

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma annwali kif imsemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. Il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għal operazzjonijiet ta' taħlit. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jkun fih ukoll skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 24(2).

Kapitolu II

Għotjiet u entitajiet eliġibbli

Artikolu 16

Għotjiet

1. Għotjiet li jaqgħu taħt il-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġestiti f'konformità mat- Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju.
2. Sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjonijiet jiġu evalwati b'mod adegwat, membri tal-kumitati ta' evalwazzjoni jistgħu jkunu esperti esterni. L-esperti esterni għandu jkollhom esperjenza professjonali relatata mal-qasam ivvalutat u li, fejn rilevanti, ikollhom għarfien taż-żona ġeografika kkonċernata mill-applikazzjoni.

3. F'konformità mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 193(2) tar-Regolament Finanzjarju, u b'deroga mill-Artikolu 193(4) ta' dak ir-Regolament, fil-każijiet debitament ġustifikati speċifikati fid-deċiżjoni ta' finanzjament, l-attivitajiet appoġġati skont dan ir-Regolament u l-kostijiet sottostanti mġarrba fl-2021 jistgħu jitqiesu eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2021 anki jekk daww il-attivitajiet kienu implimentati u daww il-kostijiet kienu mġarrba qabel ma ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal għotja. Il-ftehimiet ta' għotja għall-għotjiet operattivi tas-sena finanzjarja 2021 jistgħu eċċezzjonalment jiġu ffirmati fi żmien sitt xhur mill-bidu tas-sena finanzjarja tal-benefiċjarju.
4. Fejn applikabbli, l-azzjonijiet tal-Programm għandhom jistabbilixxu kriterji xierqa biex jinkiseb bilanċ bejn il-ġeneri.

Artikolu 17

Entitajiet eliġibbli

1. Il-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw flimkien mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 197 tar-Regolament Finanzjarju.
2. L-entitajiet li ġejjin huma eliġibbli biex jipparteċipaw fil-Programm jekk huma attivi fis-setturi kulturali u kreattivi:
 - (a) l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fi:
 - (i) Stat Membru jew pajjiż jew territorju extra-Ewropew marbut ma' dak l-Istat Membru;

- (ii) pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm; jew
 - (iii) pajjiżi terzi elenkat fil-programm ta' ħidma, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4;
- (b) entitajiet ġuridiċi maħluqa skont il-liġi tal-Unjoni;
- (c) kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali.
3. L-entitajiet ġuridiċi attivi fis-setturi kulturali u kreattivi stabbiliti f'pajjiżi terzi li mhuwiex assoċjati mal-Programm għandhom, b'mod eċċezzjonali, jkunu eliġibbli li jipparteċipaw fil-Programm fejn tali parteċipazzjoni tkun meħtieġa sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' azzjoni partikolari.
4. L-entitajiet ġuridiċi attivi fis-setturi kulturali u kreattivi stabbiliti f'pajjiżi terzi li mhuwiex assoċjati mal-Programm għandhom fil-prinċipju jgħarrbu l-kost tal-parteeipazzjoni tagħhom. Fejn ikun fl-interess tal-Unjoni, il-kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-istrumenti ta' finanzjament estern f'konformità mal-Artikolu 8(3) jistgħu jkopru l-kostijiet tal-parteeipazzjoni ta' tali entitajiet ġuridiċi..

Kapitolu III

Sinerġiji u komplementarjetà

Artikolu 18

Komplementarjetà

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura l-konsistenza u l-komplementarjetà ġenerali tal-Programm mal-politiki u l-programmi rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk relatati mal-bilanċ bejn il-ġeneri, l-edukazzjoni, b'mod partikolari l-edukazzjoni diġitali u l-litteriżmu medjatiku, iż-żgħażaġħ u s-solidarjetà, l-impjieg u l-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari fir-rigward ta' gruppi u minoranzi soċjalment marġinalizzati, ir-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, inkluż l-innovazzjoni soċjali, l-industrija u l-intrapriżi, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, l-ambjent u l-azzjoni klimatika, il-koeżjoni, il-politika reġjonali u urbana, it-turiżmu sostenibbli, l-għajnuna mill-Istat, il-mobbilità u l-kooperazzjoni u l-iżvilupp internazzjonali.

Artikolu 19

Finanzjament kumulattiv u alternattiv

1. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni taħt il-Programm tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni minn kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni, inkluż Fondi skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess kostijiet. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni, u l-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkulat fuq bażi prorata.
2. Proġett jista' jingħata tikketta ta' Siġill ta' Eċċellenza kif definita fil-punt 44 tal-Artikolu 2 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni taħt il-Programm fejn jikkonforma mal-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:
 - (a) ikun ġie vvalutat f'sejħa għal proposti taħt il-Programm;
 - (b) jikkonforma mar-rekwiżiti ta' kwalità minimi ta' dik is-sejħa għal proposti; u
 - (c) ma jistax jiġi ffinanzjat taħt dik is-sejħa għal proposti minħabba restrizzjonijiet baġitarji.

Proġett li jkun irċieva tikketta ta' Siġill ta' Eċċellenza f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jista' jirċievi appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jew mill-Fond Soċjali Ewropew Plus f'konformità mal-Artikolu 73(4) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni.

Kapitolu IV

Monitoraġġ, Evalwazzjoni u Kontroll

Artikolu 20

Monitoraġġ u rappurtar

1. L-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi għar-rappurtar dwar il-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3 huma stabbiliti fl-Anness II.
2. Biex tiġi żgurata l-valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-oġġettivi tiegħu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 22, biex tiżviluppa d-dispożizzjonijiet għal qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inkluż emendi għall-Anness II bl-għan li l-indikaturi jiġu rieżaminati jew supplimentati fejn meħtieġ għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.
3. Is-sistema ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-Programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, u f'waqtu.
4. Għal dak il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rappurtar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni u, fejn rilevanti, fuq l-Istati Membri.

Artikolu 21

Evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjonijiet, abbażi tal-ġbir regolari ta' data u l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-benefiċjarji, fil-ħin biex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
2. Ladarba jkun hemm informazzjoni suffiċjenti disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha twettaq -evalwazzjoni interim tal-Programm, li għadha tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq analiżi esterni u indipendenti. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni interim lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tkun twettqet l-evalwazzjoni interim.
3. Wara l-31 ta' Diċembru 2027, iżda, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2029, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali tal-Programm, li għandha tkun ibbażata fuq għarfien espert estern u indipendenti. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni finali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar minn sitt xhur wara li tkun twettqet l-evalwazzjoni finali.
4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha dwar dawk l-evalwazzjonijiet, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

5. Is-sistema ta' rappurtar dwar l-evalwazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-evalwazzjoni tal-Programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, f'waqt u fil-livell adatt ta' dettall. Ir-riċevituri ta' fondi tal-Unjoni għandhom jikkomunikaw dik id-data u l-informazzjoni lill-Kummissjoni b'mod li jkun konformi ma' dispożizzjonijiet legali oħra. Pereżempju, id-data personali għandha ssir anonima, meta jkun meħtieġ. Għal dak il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rappurtar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni.

Artikolu 22

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 20 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' seba' snin mill-1 ta' Jannar 2021.
3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 20 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li diġà jkun fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet .

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 20 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrinjogġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Kapitolu V

Dispożizzjonijiet Tranżitorji u Finali

Artikolu 23

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. Ir-riċevituri ta' fondi tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini ta' daww il-fondi u jiżguraw il-viżibilità tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż il-media u l-pubbliku, b'mod partikolari l-isem tal-Programm u, għal azzjonijiet iffinanzjati taħt il-fergħa MEDIA, il-logo MEDIA, kif stabbilit fl-Anness III.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni marbuta mal-Programm, ma' azzjonijiet meħuda skont il-Programm u mar-riżultati miksuba.

3. Ir-riżorsi finanzjarji allokatati għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm daww il-prijoritajiet ikunu relatati mal-oġettivi msemmija fl-Artikolu 3.

Artikolu 24

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat ("il-Kumitat Ewropa Kreattiva"). Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Il-Kumitat Ewropa Kreattiva jista' jiltaqa' f'konfigurazzjonijiet speċifiċi biex jittratta kwistjonijiet konkreti relatati mal-fergħat individwali tal-Programm.

Artikolu 25

Tħassir

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 26

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet li jkunu nbdew skont ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 li għandu jkompli japplika għal daww l-azzjonijiet sal-għeluq tagħhom.
2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll il-kostijiet tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013.
3. Jekk meħtieġ, l-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż għall-assistenza msemmija fl-Artikolu 8(5), sabiex ikunu jistgħu jiġu ġestiti l-azzjonijiet mhux mitmuma sal-31 ta' Diċembru 2027.

Artikolu 27
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

DESKRIZZJONI TAL-AZZJONIJIET TAL-PROGRAMM

TAQSIMA 1

FERGĦA KULTURA

Il-prijoritajiet tal-fergħa Kultura imsemmija fl-Artikolu 5 għandhom jintlaħqu, anki bil-għan li tissaħħaħ iċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet Ewropej f'ambjent diġitali u multilingwi, u fejn xieraq, permezz tat-traduzzjoni, irrISPETTIVAMENT MIT-TIP TA' MEZZ UŻAT, permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom, inkluż rati ta' kofinanzjament possibbilment oġġla għal proġetti fuq skala żgħira, għandhom jiġu definiti fil-programmi ta' ħidma:

Azzjonijiet orizzontali:

L-azzjonijiet orizzontali għandhom l-għan li jappoġġjaw is-setturi kulturali u kreattivi kollha, bl-eċċezzjoni tas-settur awdjoviżiv, biex jindirizzaw l-isfidi komuni li jiffaċċjaw fil-livell Ewropew. B'mod partikolari, l-azzjonijiet orizzontali għandhom jikkofinanzjaw proġetti tranżnazzjonali għall-kollaborazzjoni, in-networking, il-mobbilità u l-internazzjonalizzazzjoni, inkluż permezz ta' programmi ta' residenza, tours, avvenimenti, wirjiet u festivals. L-azzjonijiet orizzontali li ġejjin għandhom jiġu appoġġati skont il-Programm:

- (a) proġetti ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi ta' kull daqs, inkluż organizzazzjonijiet mikro u organizzazzjonijiet żgħar, u minn pajjiżi differenti biex iwettqu attivitajiet settorjali jew transettorjali;

- (b) networks Ewropej ta' organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi minn pajjiżi differenti;
- (c) pjattaformi kulturali u kreattivi pan-Ewropej;
- (d) il-mobbilità tranżnazzjonali tal-artisti u tal-operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi, u ċ-ċirkolazzjoni tranżnazzjonali ta' xogħlijiet artistiċi u kulturali;
- (e) appoġġ, inkluż f'termini ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet, għal organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi sabiex jiġu mgħejjuna joperaw fil-livell internazzjonali;
- (f) żvilupp, kooperazzjoni u implimentazzjoni tal-politika fil-qasam tal-kultura, inkluż permezz tal-forniment ta' data u l-iskambju tal-aħjar prattiki, proġetti pilota u inċentivi biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Azzjonijiet settorjali:

Biex iwieġbu għall-ħtiġijiet kondiviżi fl-Unjoni, l-azzjonijiet settorjali li ġejjin għandhom jiġu appoġġati f'dawk is-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari s-settur tal-mużika, li l-ispeċifità jidher jew l-isfidi speċifiċi tiegħu jirrikjedu approċċ aktar immirat li jikkomplementa l-azzjonijiet orizzontali:

- (a) appoġġ għas-settur tal-mużika: azzjonijiet li jippromwovu d-diversità, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-qasam tal-mużika inkluż l-ispettakli live, b'mod partikolari d-distribuzzjoni u l-promozzjoni tar-repertorji mużikali kollha fl-Ewropa u lil hinn minnha, azzjonijiet ta' taħriġ, parteċipazzjoni fil-mużika u aċċess għaliha, u l-ilħuq ta' udjenzi ġodda għar-repertorji kollha Ewropej, u appoġġ għall-ġbir u l-analiżi ta' data; dawk l-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq, u jkomplu jappoġġjaw, l-esperjenzi u l-għarfien esperti miksub fi ħdan l-inizjattiva "Il-Mużika ċċaqlaq l-Ewropa".

- (b) appoġġ għas-settur tal-kotba u tal-pubblikazzjoni: azzjonijiet immirati li jippromwovu d-diversità, il-kreattività u l-innovazzjoni, il-promozzjoni tal-letteratura Ewropea bejn pajjiż u ieħor fl-Ewropa u lil hinn minnha, inkluż fil-libreriji, taħriġ u skambji għall-professjonisti fis-settur, l-awturi u t-tradutturi u proġetti tranżnazzjonali għall-kollaborazzjoni, l-innovazzjoni u l-iżvilupp f' dak is-settur; azzjonijiet immirati li jippromwovu t-traduzzjoni tal-letteratura u, fejn ikun possibbli, l-adattament tal-letteratura f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità;
- (c) appoġġ għall-patrimonju arkitettoniku u kulturali għal ambjent mibni ta' kwalità: azzjonijiet immirati għall-mobbilità, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-internazzjonalizzazzjoni tal-operaturi tal-patrimonju arkitettoniku u kulturali; il-promozzjoni ta' Baukultur, it-tagħlim bejn il-pari u l-involvement tal-udjenza sabiex jinxterdu prinċipji ta' kwalità għolja fl-interventi relatati mal-arkitettura kontemporanja u l-patrimonju kulturali; appoġġ għas-salvagwardja sostenibbli, ir-riġenerazzjoni u l-użu mill-ġdid adattiv tal-patrimonju kulturali u l-promozzjoni tal-valuri tiegħu permezz ta' sensibilizzazzjoni u attivitajiet ta' networking;
- (d) appoġġ għal setturi oħra ta' kreazzjoni artistika fejn jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi inkluż azzjonijiet immirati għall-iżvilupp tal-aspetti kreattivi tas-setturi tat-turiżmu kulturali sostenibbli u tas-setturi tad-disinn u l-moda u għall-promozzjoni u r-rappreżentanza ta' daww is-setturi l-oħra ta' kreazzjoni artistika barra l-Unjoni.

Azzjonijiet speċjali li għandhom l-għan li jrendu d-diversità kulturali u l-patrimonju kulturali Ewropej viżibbli u tanġibbli u li jrawmu d-djalogu interkulturali:

- (a) appoġġ finanzjarju għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura;
- (b) appoġġ finanzjarju għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u attivitajiet ta' networking bejn is-siti li jingħataw iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew;
- (c) premjijiet kulturali tal-Unjoni;
- (d) il-Jiem tal-Patrimonju Ewropew;
- (e) appoġġ għal entitajiet kulturali Ewropej bħall-orkestri li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu artisti żgħażaġh b'potenzjali għoli, u li għandhom approċċ inklużiv b'kopertura ġeografika kbira, jew entitajiet li jagħtu servizzi kulturali diretti liċ-ċittadini Ewropej b'kopertura ġeografika kbira.

TAQSIMA 2

FERGĦA MEDIA

Il-prijoritajiet tal-fergħa MEDIA msemija fl-Artikolu 6 għandhom iqisu r-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2018/1808 u d-differenzi bejn il-pajjiżi fir-rigward tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-kontenut awdjoviżiv, u l-aċċess għalih u d-daqs u l-ispeċifitàjiet tas-swieq u d-diversità lingwistika rispettivi tagħhom, u għandhom jintlaħqu permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom għandhom ikunu definiti fil-programmi ta' ħidma:

- (a) żvilupp ta' xogħlijiet awdjoviżivi minn kumpanniji tal-produzzjoni indipendenti Ewropej, li jkopru varjetà ta' formati (bħal films ċinematografiċi twal, films qosra, serje, dokumentarji, logħob video narrattiv) u ġeneri, u mmirati lejn udjenzi differenti, inkluż it-tfal u ż-żgħażaġh;
- (b) produzzjoni ta' kontenut televiżiv u ta' rakkonti ta' serje innovattivi u ta' kwalità, li jindirizzaw udjenzi differenti minn kumpanniji tal-produzzjoni indipendenti Ewropej;
- (c) żvilupp ta' għodod ta' promozzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, inkluż online, u bl-użu tal-analitika tad-data biex jizziedu l-prominenza, il-viżibiltà, l-aċċess transfruntier tax-xogħlijiet Ewropej u biex dawn jilħqu udjenzi akbar;
- (d) appoġġ għall-bejgħ u ċ-ċirkolazzjoni internazzjonali ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali fuq il-pjattaformi kollha (eż. teatri taċ-ċinema, online) immirat kemm għall-produzzjonijiet żgħar kif ukoll għal daww kbar, inkluż permezz ta' strateġiji ta' distribuzzjoni kkoordinati li jkunu jkopru diversi pajjiżi u li jħeġġu l-użu tas-sottotitolar, id-doppjaġġ u, fejn applikabbli, tal-għodod ta' deskrizzjoni awdjo;

- (e) appoġġ għall-aċċess multilingwi għal programmi televiżivi kulturali online permezz tas-sottotitolar;
- (f) appoġġ għal attivitajiet ta' networking għall-professjonisti awdjoviżivi, inkluż il-kreaturi, u l-iskambji bejn in-negozji biex jitravmu u jiġu promossi t-talenti fis-settur awdjoviżiv Ewropew, u biex jiġu ffaċilitati l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' kokreazzjonijiet u koproduzzjonijiet Ewropej u internazzjonali;
- (g) appoġġ tal-attivitajiet tal-operaturi awdjoviżivi Ewropej f'avvenimenti u fieri industrijali fl-Ewropa u lil hinn minnha;
- (h) appoġġ għall-viżibilità u d-diffużjoni ta' films u kreazzjonijiet awdjoviżivi Ewropej mmirati lejn udjenzi Ewropej wesgħin lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, speċjalment iż-żgħażaġh u l-multiplikaturi, inkluż permezz tal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' wiri, komunikazzjoni, disseminazzjoni u promozzjoni b'appoġġ għall-Premjijiet Ewropej, b'mod partikolari ' LUX – il-Premju Ċinematografiku Ewropew tal-Pubbliku mogħti mill-Parlament Ewropew u l-Akkademja Ewropea ta' Ċinema'.
- (i) inizjattivi li jippromwovu l-ilħuq ta' udjenzi ġodda u l-involviment tal-pubbliku, inkluż attivitajiet ta' edukazzjoni ċinematografika, li jindirizzaw b'mod partikolari lil udjenzi żgħar fl-età;
- (j) attivitajiet ta' taħriġ u ta' mentoraġġ biex tittejjeb il-kapaċità tal-professjonisti awdjoviżivi li jadattaw għal proċessi kreattivi, żviluppi tas-suq u teknoloġiji diġitali ġodda li jaffettwaw il-katina ta' valur sħiħa;

- (k) network jew networks tal-operaturi ta' Video on Demand Ewropej, li juru proporzjon sinifikanti ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali;
- (l) Festivals Ewropej u network(s) ta' festivals li juru proporzjon sinifikanti ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali, filwaqt li jippreservaw l-identità u l-profil uniku tagħhom;
- (m) Network ta' operatori taċ-ċinema Ewropej, b'kopertura ġeografika wiesgħa, li juru proporzjon sinifikanti ta' films Ewropej mhux nazzjonali, biex jitrawwem ir-rwol taċ-ċinemas Ewropej fiċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej;
- (n) miżuri speċifiċi li jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni aktar bilanċjata bejn il-ġeneri fis-settur awdjoviżiv; inkluż studji, mentoraġġ, taħriġ u attivitajiet ta' networking;
- (o) appoġġ għal djalogu ta' politika, azzjonijiet innovattivi ta' politika u għall-iskambju tal-aħjar prattiki – inkluż permezz ta' attivitajiet analitiċi u l-forniment ta' data affidabbli;
- (p) skambju tranżnazzjonali ta' esperjenzi u għarfien espert, attivitajiet ta' taġlim bejn il-pari u networking fost is-settur awdjoviżiv u dawk li jfasslu l-politika.

TAQSIMA 3

FERGĦA TRANSETTORJALI

Il-prijoritajiet tal-fergħa Transettorjali imsemmija fl-Artikolu 7 għandhom jintlaħqu permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom għandhom jiġu definiti fil-programmi ta' ħidma:

Azzjonijiet ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-politika u sensibilizzazzjoni li:

- (a) jappoġġjaw l-iżvilupp ta' politika, l-iskambju tranżnazzjonali ta' esperjenzi u għarfien espert, tagħlim bejn il-pari u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, networking u djalogu transettorjali regolari fost l-organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi u dawk li jfasslu l-politika;
- (b) jappoġġjaw attivitajiet transettorjali analitiċi;
- (c) għandhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni fil-politika transfruntiera u l-iżvilupp tal-politika fir-rigward tar-rwol tal-inklużjoni soċjali permezz tal-kultura;
- (d) itejbu l-għarfien dwar il-Programm u t-temi li jkopri, irawmu s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini, u jassistu fit-trasferibbiltà tar-riżultati lil hinn mil-livell tal-Istati Membri.

L-azzjonijiet "Il-laboratorju tal-innovazzjoni kreattiva", li għandhom:

- (a) jinkoraġġixxu forom ġodda ta' kreazzjoni fit-tlaqqiġ bejn setturi kulturali u kreattivi differenti, pereżempju permezz ta' approċċi sperimentali u bl-użu ta' teknoloġiji innovattivi;

- (b) irawmu approċċi transettorjali innovattivi u għodod li, fejn ikun possibbli, għandhom jinkludu dimensjonijiet multilingwi u soċjali sabiex jiffaċilitaw id-distribuzzjoni, il-promozzjoni u l-monetizzazzjoni tal-kultura u tal-kreattività, u l-aċċess għalihom, inkluż il-patrimonju kulturali.

L-azzjonijiet tad-"desks tal-Programm", li għandhom:

- (a) jippromwovu l-Programm fil-livell nazzjonali, tagħti informazzjoni rilevanti dwar id-diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli taħt il-politika tal-Unjoni, u tassisti lill-operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi biex japplikaw għal appoġġ taħt il-Programm, inkluż billi tinformhom dwar ir-rekwiżiti u l-proċeduri relatati mad-diversi sejħiet għal proposti u billi tikkondividi prattiki tajba;
- (b) jappoġġjaw lill-benefiċjarji potenzjali fil-proċess ta' applikazzjoni u tagħti mentoraġġ bejn il-pari għal dawk ġodda għall-Programm, tistimula l-kooperazzjoni transfruntiera u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-professionisti, l-istituzzjonijiet, il-pjattaformi u n-networks fl-oqsma ta' politika kollha koperti mill-Programm u s-setturi kulturali u kreattivi;
- (c) jappoġġjaw lill-Kummissjoni biex tiżgura komunikazzjoni u disseminazzjoni xierqa tar-riżultati tal-Programm liċ-ċittadini u lill-operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi;

Azzjonijiet trażversali li jappoġġjaw is-settur tal-media tal-informazzjoni, li għandhom:

- (a) jindirizzaw il-bidliet strutturali u teknoloġiċi li qed jiffaċċja s-settur tal-media permezz tal-promozzjoni ta' ambjent tal-media indipendenti u pluralistiku, inkluż permezz tal-appoġġ ta' monitoraġġ indipendenti għall-valutazzjoni tar-riskji u tal-isfidi għall-pluraliżmu u l-libertà tal-media, u bl-appoġġ ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni;

- (b) jappoġġjaw l-istandards tal-produzzjoni tal-media ta' kwalità għolja billi jrawmu l-kooperazzjoni, il-ħiliet diġitali, il-ġurnaliżmu kollaborattiv transfruntier u kontenut ta' kwalità, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-etika professjonali fil-ġurnaliżmu;
 - (c) jippromwovu l-litteriżmu fil-media sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jużaw, u jiżviluppaw komprensjoni kritika tal-media u jappoġġjaw il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-iskambji dwar il-politiki u l-prattiki tal-litteriżmu fil-media;
 - (d) jinkludu miżuri speċifiċi li jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni aktar bilanċjata bejn il-ġeneri fis-settur tal-media tal-informazzjoni.
-

ANNEX II

ANNEX II

INDIKATURI KWALITATTIVI U KWANTITATTIVI KOMUNI TAL-IMPATT TAL-PROGRAMM

L-għadd u firxa ta' sħubiji tranżnazzjonali maħluqa bl-appoġġ tal-Programm, inkluż il-pajjiż ta' orijini tal-organizzazzjonijiet benefiċjarji.

Evidenza kwalitattiva ta' stejjer ta' suċċess fil-qasam tal-innovazzjoni artistika, kummerċjali u teknoloġika bis-saħħa tal-appoġġ mill-Programm.

Indikaturi

Fergħa Kultura:

L-għadd u l-firxa ta' sħubiji tranżnazzjonali maħluqa bl-appoġġ tal-Programm.

L-għadd ta' artisti u operatori fis-setturi kulturali u kreattivi li ċċaqalqu lil hinn mill-fruntieri nazzjonali bis-saħħa tal-appoġġ mill-Programm, filwaqt li jiġi indikat il-pajjiż ta' orijini u l-proporzjon ta' nisa)

L-għadd ta' persuni li jkunu aċċessaw xogħlijiet kulturali u kreattivi Ewropej appoġġati mill-Programm, inkluż xogħlijiet minn pajjiżi li ma jkunux tagħhom.

L-għadd ta' proġetti appoġġati mill-Programm li jindirizzaw gruppi soċjalment emarġinati.

L-għadd ta' proġetti appoġġati mill-Programm li jinvolvu organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi.

Fergħa MEDIA:

L-għadd ta' persuni li jkunu aċċessaw xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej appoġġati mill-Programm minn pajjiżi oħra li ma jkunux tagħhom.

L-għadd ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' tagħlim appoġġati mill-Programm li jkunu stmaw li huma tejbu l-kompetenzi tagħhom u li żiedu l-impjegabbiltà tagħhom, filwaqt li jiġi indikat il-proporzjon ta' nisa.

L-għadd, il-baġit u l-oriġini ġeografiċi tal-koproduzzjonijiet żviluppati, maħluqa u distribwiti bl-appoġġ tal-Programm u koproduzzjonijiet ma' sħab minn pajjiżi b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.

L-għadd ta' xogħlijiet awdjoviżivi żviluppati b'lingwi inqas użati, prodotti u distribwiti bl-appoġġ tal-Programm.

L-għadd ta' persuni li ntlaħqu mill-attivitajiet promozzjonali ta' Negożju għal Negożju fi swieq ewlenin.

Fergħa Transettorjali:

L-għadd u l-firxa ta' sħubiji tranżnazzjonali ffurmati (indikatur kompost għall-azzjoni "laboratorju tal-innovazzjoni kreattiva" u azzjonijiet trażversali li jappoġġjaw is-settur tal-media tal-informazzjoni).

L-għadd ta' avvenimenti jew aktivitajiet li jippromwovu l-Programm organizzati mid-desks tal-Programm.

L-għadd ta' parteċipanti fl-azzjonijiet "laboratorju tal-innovazzjoni kreattiva" u fl-azzjonijiet trażversali li jappoġġjaw lis-settur tal-media tal-informazzjoni, filwaqt li jiġi indikat il-proporzjon ta' nisa.

ANNEX III

Logo tal-Ferġha MEDIA

Il-logo tal-ferġha MEDIA għandu jkun kif ġej:



Creative
Europe
MEDIA